# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2016**

**Rikors Ġuramentat Numru: 1/2016**

**Mahamed Osman Hamza**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku għal Għawdex**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu wara li ppremettew:

Illi l-attur iżżewweġ ġewwa Għawdex fis-sbatax (17) ta' Diċembru tal-elfejn u ħmistax (2015) liema żwieġ huwa reġistrat fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku Victoria Għawdex, bin-numru mitejn u wieħed tas-sena elfejn u ħmistax (201/2015), hawn anness u mmarkat Dok 'A';

Illi l-att taż-żwieġ relattiv huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" huwa indikat bħala "MOHAMED Osman Hamza" meta fil-fatt irid jiġi ndikat bħala "MAHAMED Osman Hamza" u ċioe' l-kelma Mohamed trid tiġi mibdula bil-kelma "Mahamed";

Illi apparti minn hekk, l-att relattiv huwa skorrett ukoll fid-data tat-twelid tal-attur u ċioe' fil-kolonna intestata "Eta' jew data tat-twelid" huwa ndikat bħala '01 May 1991' meta fil-fatt trid tiġi ndikata bħala "1 ta' Jannar 1991' biex b'hekk tirrifletti l-verita';

Illi fuq l-applikazzjoni għar-residenza ġewwa Malta, isem l-attur huwa korrett u ċioe' huwa indikat bħala 'Mahamed Osman Hamza' kif juri kopja tal-istess applikazzjoni hawn annessa u markata bħala Dokument 'B';

Illi fuq id-dokument tal-protezzjoni sussidjarja maħruġa mill-Kummissjoni għar-Reefuġjati hemm indikata d-data tat-twelid korretta u ċioe' bħala l-ewwel (1) ta' Jannar 1991 kif turi kopja tal-istess hawn annessa u markat bħala Dokument 'Ċ';

Illi l-attur irid illi ssir d-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tiegħu, b'mod illi dan iċ-ċertifikat jiġi jaqbel mar-realta;

Illi dan ir-rikors qed isir u qed jiġi kkonfermat bil-ġurament mill-attur Mahamed Osman Hamza li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti fuq esposti.

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-atti taż-żwieġ bin-numru mitejn u wieħed tas-sena elfejn u ħmistax (201/2015) relattiv għaż-żwieġ ta' Mahamed Osman Hamza huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tal-att fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-isem "Mohamed Osman Hamza" dan jiġi kkoreġut bl-isem "Mahamed Osman Hamza" kif ukoll fejn indikata d-data 'l-ewwel (1) ta' Mejju elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991)' din tiġi kkoreġuta bid-data 'l-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991)'.

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors ġuramentat.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex fis-sens:

1. Illi rigward it-talbiet għall-korrezzjoni ta' isem ir-rikorrenti u għal bdil tad-data tat-twelid tar-rikorrenti, l-esponenti jissottometti illi l-informazzjoni li ġiet imniżżla fiċ-ċertifikat tal-att taż-żwieġ tar-

rikorrenti tirrifletti l-identika informazzjoni lir r-rikorrenti ssupplixxa lil Qorti f'affidavit li hu għamel bil-ġurament, ftit ġranet biss qabel ma żżewweġ (anness bħala Dokument 'RP 1');

2. Illi inoltre' l-informazzjoni li ġiet imniżżla fiċ-ċertifikat taż-żwieġ in kwisjtoni tirrifletti ukoll l-istess informazzjoni li tidher fil-'Permess ta' Residenza' tar-rikorrenti li fiha ismu huwa mniżżel bħala 'Mohamed Osman Hamza' u li twieled fl-1 ta' Mejju 1991 (anness bħala dokuemtn 'RP 2');

3. Illi r-rikorrenti ma ġab l-ebda prova konkreta li turi li d-data tat-twelid tiegħu hija verament l-1 ta' Jannar 1991 u li ismu huwa Mahamed Osman Hamza u mhux Mohamed Osman Hamza;

4. Illi l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress li l-allegat 'żball' in kwistjoni m'huwiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tal-esponenti, iżda semmai tort ta' informazzjoni ħażina mogħtija lilu mir-rikorrenti nnifsu;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Semgħet lill-attur jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-fatti ddikjarati f'din il-kawża.

Il-Qorti billi jidhrilha illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati tilqa' l-istess talbiet attriċi u

1. Tiddikjara illi l-atti taż-żwieġ bin-numru mitejn u wieħed tas-sena elfejn u ħmistax (201/2015) relattiv għaż-żwieġ ta' Mahamed Osman Hamza huwa skorrett fis-sens spjegat fir-rikors ġuramentat; u

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tal-att fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-isem "Mohamed Osman Hamza" dan jiġi kkoreġut bl-isem "Mahamed Osman Hamza" kif ukoll fejn indikata d-data 'l-ewwel (1) ta' Mejju elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991)' din tiġi kkoreġuta bid-data 'l-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991)'.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu ssoportati mill-attur.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

17.02.2016 – Ċitz1.2016 – Mahamed Osman Hamza vs Direttur Registru Pubbliku
666